IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2013
COM(2013) 869 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-ħidma tat-Task Force fil-Mediterran

MT

MT

1. SINTEŻI EŻEKUTTIVA

Fit-3 ta' Ottubru 2013, għerqet dgħajsa b'madwar 500 migrant abbord, qrib il-kosta ta' Lampedusa. It-telfa ta' bosta ħajjiet qanqlet sejħa qawwija għal azzjoni fost il-mexxejja u ċ-ċittadini Ewropej.

It-Task Force fil-Mediterran (TFM) ġie stabbilit wara l-Kunsill tal-ĠAI tas-7-8 ta' Ottubru 2013. L-istabbiliment tiegħu intlaqa' tajjeb fil-Kunsill Ewropew ta' Ottubru. Hemmhekk, ingħad biċ-ċar li għandha tittieħed azzjoni determinata biex jiġu evitati l-imwiet fuq il-baħar u biex jiġi evitat illi traġedji umani bħal dawn iseħħu mill-ġdid. Din l-azzjoni tkun immirata lejn l-għoti ta' protezzjoni, iggwidata mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà b'komponent qawwi orjentat lejn l-estern. Fid-dawl ta' dan, wara t-traġedja ta' Lampedusa, il-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tat-18 ta' Novembru wkoll iddiskuta modi li permezz tagħhom jistgħu jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-Parlament Ewropew adotta wkoll riżoluzzjoni dwar dan is-suġġett fit-23 ta' Ottubru[1].

Matul id-diskussjoni fil-laqgħat tat-Task Force u fuq il-bażi tal-mandat, irriżulta li trid tintuża firxa komprensiva ta' miżuri skont approċċ integrat għall-Mediterran kollu kemm hu, peress li l-avvenimenti traġiċi ta' Lampedusa huma parti minn sfida komprensiva u li ilha teżisti żmien twil. Il-miżuri fost oqsma oħra jinkludu: l-assistenza u d-djalogu rinfurzat mal-pajjiżi tal-orġini u ta' tranżitu f'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà, punt fokali mġedded fuq ir-risistemazzjoni u l-isforzi ta' protezzjoni reġjonali, l-esplorazzjoni ta' mezzi legali għal aċċess sikur għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll enfasi ġenerali fuq aktar sforzi fuq ir-risistemazzjoni, il-ġlieda kontra t-traffikar u l-kuntrabandu ta' bnedmin u ta' netwerks kriminali, l-iżgurar ta' ritorn rapidu u sostenibbli tal-migranti b'mod uman u dinjituż, it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Eurosur adottat dan l-aħħar, u s-sostenn lill-Istati Membri li qed jaffaċċaw il-pressjoni fuq is-sistemi tagħhom ta' migrazzjoni u ta' ażil.

L-azzjonijiet li jinsabu f'din il-komunikazzjoni jsegwu dan l-approċċ ħolistiku, filwaqt li jiffokaw fuq soluzzjonijiet immedjati u prattiċi li jistgħu jikkomplementaw l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa fil-Mediterran kollu fit-terminu l-qasir. Ħarġu ħames oqsma ta' azzjoni mid-diskussjonijiet tat-Task Force b'ambitu ġeografiku wiesa': mill-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu, biex jiġi evitat li l-migranti jwettqu vjaġġi perikolużi lejn ix-xtut tal-Unjoni Ewropea:

(1) Azzjonijiet f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
(2) Il-protezzjoni reġjonali, ir-risistemazzjoni u toroq legali msaħħa lejn l-Ewropa;
(3) Il-ġlieda kontra t-traffikar, il-kuntrabandu u l-kriminalità organizzata;

[1] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar flussi migratorji fil-Mediterran, b'attenzjoni speċjali fuq l-avvenimenti traġiċi qrib Lampedusa (2013/2827(RSP))

(4) Sorveljanza imsaħħa tal-fruntieri li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istampa tas-sitwazzjoni marittima u għall-protezzjoni u s-salvataġġ ta' ħajjet il-migranti fil-Mediterran;
(5) Assistenza u solidarjetà mal-Istati Membri li jittrattaw ma' pressjoni għolja ta' migrazzjoni;

B'konformità mal-eżitu tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru ġie kkonfermat matul il-laqgħat tat-Task Force li l-miżuri immedjati se jeħtieġu li jkunu kkumplimentati b'inizjattivi fit-tul, billi jibbażaw fuq l-aħjar riċerka disponibbli, maħsuba biex tindirizza l-kawżi fl-għeruq tal-migrazzjoni (il-faqar, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-kunflitt, in-nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi, il-kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol, il-qgħad, eċċ.). Għandhom jittieħdu inizjattivi għar-riforma tal-qafas legali u amministrattiv dwar il-migrazzjoni u l-ażil fil-pajjiżi ta' tranżitu. Kwalunkwe azzjoni tal-UE għandha titqies fil-kuntest politiku usa' tar-relazzjoni tal-UE mal-pajjiżi u r-reġjuni sħab rispettivi: din ma tistax tkun iżolata mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u mill-qafas politiku estern dwar il-migrazzjoni tal-Approċċ Globali għal-Migrazzjoni u l-Mobbiltà (GAMM). Dawn l-azzjonijiet huma min-natura tagħhom marbuta ma' dimensjoni fuq perjodu ta' żmien itwal u huma diġà inklużi fl-istrateġiji fit-tul tal-UE. Huma wkoll kruċjali biex jiġi evitat li persuni jwettqu vjaġġi perikolużi lejn l-Ewropa.

L-azzjonijiet kollha f'din il-komunikazzjoni jkollhom ikunu konformi bis-sħiħ mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[2], il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar ir-Rifuġjati, il-prinċipju ta' *non-refoulement* u l-*acquis* tal-UE applikabbli. Meta tkun involuta dejta personali, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

Din il-Komunikazzjoni hija ppreżentata għad-diskussjoni fil-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-5 u s-6 ta' Diċembru. L-eżitu tad-diskussjoni se jitressaq mill-Presidenza għall-Kunsill Ewropew fid-19-20 ta' Diċembru.

Bħala segwitu għal din il-Komunikazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lir-riżorsi u l-assi li jistgħu jkunu disponibbli, fil-limiti baġitarji eżistenti, mill-atturi kollha involuti sabiex l-azzjonijiet jiġu implementati u jintlaħaq l-għan ġenerali li jipprevjeni traġedji bħal ta' Lampedusa milli jseħħu mill-ġdid fil-ġejjieni. Il-Kummissjoni Ewropea se tirrapporta regolarment lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tat-TFM.

2. PROĊESS

Biex tipproduċi din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea, bħala l-President tat-Task Force Mediterran, organizzat żewġ laqgħat tat-TFM fl-24 ta' Ottubru u fl-

[2] B'mod speċjali għall-Artikoli 2,4, 18 u 19 tagħha.

20 ta' Novembru 2013. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Istati Membri kollha ħadu sehem f'dawk il-laqgħat flimkien mal-Aġenziji tal-UE li għandhom sehem dirett fil-proċess (EASO, Frontex, Europol, FRA, EMSA).

Ġew ikkonsultati entitajiet oħra fil-proċess ta' żvilupp tal-Komunikazzjoni tat-Task Force tal-Mediterran, inklużi l-Pajjiżi Assoċjati, l-UNHCR, l-IOM, l-ICMPD, iċ-Ċentru tal-Politika dwar il-Migrazzjoni, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, l-UNODC, u l-Interpol[3].

3. LINJI TA' AZZJONI

Il-linji ta' azzjoni li ġejjin ġew żviluppati mit-Task Force tal-Mediterran:

[3] Kull meta r-rwol ta' organizzazzjonijiet bħal dawn huwa rikonoxxut fit-test dan huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni finanzjarja li se tittieħed fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti fil-Komunikazzjoni.

(1) Miżuri f' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

Azzjonijiet f'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi huma fost l-aktar modi effettivi sabiex persuni ma jitħallewx jidħlu fl-UE permezz ta' kanali irregolari, u jpoġġu ħajjithom f'riskju billi jwettqu vjaġġi perikolużi lejn l-Ewropa

Il-pajjiżi terzi huma sħab kruċjali biex jindirizzaw il-kawżi tal-migrazzjoni irregolari, biex jimmonitorjaw il-flussi migratorji, biex jiġbru informazzjoni u intelligenza dwar rotot u netwerks, iżarmaw in-netwerks tal-kuntrabandisti u tat-traffikanti u biex jikkontribwixxu għall-provvista ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-flussi migratorji fil-Mediterran. Fil-kuntest ġenerali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, huwa kruċjali li l-ħidma u l-kooperazzjoni jkomplu jintensifikaw mal-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu f'dak li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni u l-iżvilupp, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom biex jiġġestixxu l-flussi mħallta ta' migrazzjoni, u l-assistenza sabiex jiżguraw li l-migrazzjoni tagħhom u s-sistemi ta' ażil politiku jkunu konformi mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Hemm ħtieġa għal iktar djalogu politiku mmirat mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, bl-għan li jrawwmu l-bini tal-fiduċja u l-attitudni pożittiva ta' impenn ma' sħab dwar il-migrazzjoni bħala kwistjoni partikolarment sensittiva fuq iż-żewġ naħat.

L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM) jipprovdi l-qafas għad-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi kollha filwaqt li jadotta approċċ komprensiv lejn id-djalogi u l-kooperazzjoni relatati mal-migrazzjoni. Huwa meħtieġ impetu politiku biex jittejbu l-effettività u l-impatt tal-GAMM u biex jiġi żgurat il-progress fid-djalogi dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà u n-negozjati ta' partenarjati tal-mobilità. L-azzjoni futura se tkompli tiffoka fuq pajjiżi Ewropej tal-Viċinat, fuq l-imsieħba strateġiċi kif ukoll fuq il-pajjiżi ta' oriġini u/jew ta' transitu ta' interess speċifiku, li huma wkoll f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

Minħabba n-natura tal-movimenti migratorji, il-pajjiżi ta' tranżitu tul il-kosti tan-Nofsinhar tal-Mediterran se jkunu jeħtieġu li jingħataw inċentivi biex jingaġġaw f'kooperazzjoni dwar il-migranti li mhumiex ċittadini tal-pajjiżi tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi applikata perspettiva usa' u li l-UE tressaq messaġġi pożittivi dwar il-migrazzjoni. Ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi sħab se jkollhom iqisu wkoll is-sensittivitajiet u l-aspettattivi speċifiċi tal-pajjiżi sħab fir-rigward tal-fajl dwar il-migrazzjoni, u l-perċezzjoni tagħhom li l-UE tixtieq tiffoka primarjament fuq aspetti relatati mas-sigurtà, riammissjoni/ritorn u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari.

F'dan il-kuntest l-azzjonijiet proposti jiffukaw fuq li jissaħħu jew li jitnedew l-attivitajiet fuq perjodu ta' żmien qasir sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija hawn fuq, kif ukoll billi tiżdied il-koordinazzjoni bejn l-istrumenti disponibbli tal-UE u l-istrumenti nazzjonali. Is-sħubijiet ta' mobilità, il-kampanji ta' informazzjoni, l-inizjattivi diplomatiċi u l-bini tal-kapaċità huma komponenti importanti ta' dan l-approċċ. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna se jkun sieħeb kruċjali għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti f'din it-taqsima, filwaqt li fuq żmien twil u sostenibbli kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi se tkun komplementari għal dawn aktar miżuri ta' żmien qasir jew medju.

Azzjonijiet

- **Azzjonijiet speċifiċi f'pajjiżi ta' tranżitu**

1.1 L-attenzjoni politika xierqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għandha tkun diretta lejn l-iffirmar u l-bidu tal-implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Mobilità (MP) mat-Tuneżija li ġiet konkluża dan l-aħħar.

Sadanittant, l-implimentazzjoni tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni previsti fl-MP ffirmat dan l-aħħar mal-Marokk għandha titkompla, u s-sostenn għandu jingħata lill-awtoritajiet Marokkini għall-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport tal-Kunsill Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem biex tiġi stabbilita politika ġdida tal-migrazzjoni u l-ażil.

Barra minn hekk, in-negozjar tas-Sħubija għall-Mobilità mal-Ġordan għandu jibda mingħajr dewmien, bħala riżultat pożittiv tad-Djalogu dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà mniedi ma' dan il-pajjiż f'Diċembru 2012.

It-tnedija ta' Djalogi ġodda dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà mal-pajjiżi addizzjonali tan-Nofsinhar tal-Mediterran, l-iktar mal-Eġittu, il-Libja, l-Alġerija u l-Libanu hija wkoll prijorità[4].

Id-deċiżjoni f'dak ir-rigward se tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni speċifika pajjiż b'pajjiż, b'mod partikolari billi jtqiesu l-kapaċità rispettiva tagħhom u r-rieda li jtejbu l-ġestjoni ta' kwistjonijiet ta' migrazzjoni u ażil skont l-istandards internazzjonali kif ukoll biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-UE f'dawn l-oqsma.

Għandhom jitqajmu b'mod sistematiku kwistjonijiet ta' tħassib relatati mad-drittijeit tal-migranti u tar-rifuġjati fid-djalogi politiċi mal-pajjiżi terzi, kif jingħad fil-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (l-Azzjoni 14), u l-assistenza offruta mal-iżvilupp ta' sistemi tal-ażil u sistemi migratorji li jiffunzjonaw tajjeb. L-inizjattivi implimentati mill-Aġenziji tal-UE, bħall-EASO, il-FRA u l-FRONTEX, kif ukoll l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili, immirati lejn il-bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, jistgħu jkunu element importanti tas-Sħubiji għall-Mobilità.

Għandu jkun hemm rieżami finanzjarju għas-Sħubiji għall-Mobilità, biex iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu sehem b'mod aktar attiv fl-iżvilupp tal-proġetti. Is-Sħubiji għall-Mobilità għandhom jintużaw ukoll b'mod strateġiku biex titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam migratorju.

[4] L-assistenza qed tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-ħidma mal-awtoritajiet Libaniżi dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBM) biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet statali u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. F'dan il-kuntest, l-UE tinsab ukoll ħerqana li tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet rigward l-IBM li jkopri l-moviment regolari ta' persuni u ta' merkanzija, kif ukoll il-ġestjoni tal-flussi migratorji. L-UE attwalment qiegħda wkoll tikkunsidra l-għażliet għas-sostenn lill-Forzi Armati Libaniżi (LAF).

1.2 Se jiġi promoss djalogu ma' pajjiżi magħżula tal-Afrika ta' Fuq u fir-Reġjun tas-Saħel dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' tħassib sabiex l-azzjoni tkun aktar effettiva fil-ġlieda kontra n-netwerks tal-kuntrabandisti u t-traffikanti. Għandhom jinżammu diskussjonijiet mal-awtoritajiet Tuneżini dwar miżuri immirati li jwaqqfu l-forniment ta' dgħajjes Tuneżini lil kuntrabandisti fil-Libja, inklużi r-reġistrazzjoni u l-intraċċar tal-bastimenti għall-iskambju tad-dejta. Proċessi simili għandhom ukoll jiġu inkoraġġuti fi stati oħra tal-Afrika ta' Fuq. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Eġizzjani għandhom ikunu mħeġġa biex jagħtu aktar attenzjoni u jikkumbattu b'mod aktar effettiv l-attivitajiet tat-traffikanti tal-bnedmin fir-reġjun tas-Sinai; l-awtoritajiet tas-Sudan għandhom jiġu mistiedna jikkumbattu kontra l-organizzazzjonijiet kriminali li joperaw fit-territorju tagħhom u li jiffaċilitaw il-kontrabandu u t-traffikar tal-migranti u r-rifuġjati mill-Qarn tal-Afrika lejn ir-reġjun tal-Mediterran; l-awtoritajiet Niġerjani għandhom ikunu impenjati u mogħtija l-assistenza biex jipproteġu aħjar iċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli tagħhom milli jaqgħu vittmi f'idejn it-traffikanti tal-bnedmin.

1.3 Minħabba s-sitwazzjoni instabbli ħafna tas-sigurtà u l-politika u l-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi limitati, il-Libja bħalissa mhux jirnexxilha tindirizza l-attivitajiet tal-kuntrabandisti u t-traffikanti. Għalhekk hija qed tkun il-pajjiż ewlieni ta' tranżitu u tat-tluq tal-flussi mħallta ta' migrazzjonijiet lejn iċ-ċentru tal-Mediterran. Sabiex tindirizza din is-sitwazzjoni, l-UE għandha tkompli ssaħħaħ l-appoġġ komprensiv tagħha lill-Libja permezz tal-promozzjoni ta' l-istabbilizzazzjoni tagħha, it-tisħiħ tal-governanza u tas-sigurtà, u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, kif ukoll billi tindirizza r-rapporti ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, kull assistenza ta' importanza partikolari biex tippromwovi l-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri se tiġi pprovduta mill-Missjoni EUBAM għaddejja bħalissa kif ukoll mill-proġett Saħara-Mediterran. F'dan il-qafas l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jikkunsidraw kif jistgħu jipprovdu aktar sostenn lil dawn l-inizjattivi. B'mod parallel, l-UE se tkompli tipprovdi l-assistenza tagħha mmirata li tappoġġja l-istabbiliment fil-Libja ta' sistema tal-ażil u ta' ġestjoni tal-migrazzjoni li tkun konformi bis-sħiħ mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Filwaqt li jitqies li l-Libja hija pajjiż riċevitur ta' migranti li qed ifittxu x-xogħol, proċedura uffiċjali ċara għall-ipproċessar ta' migranti li qed ifittxu x-xogħol hija fost il-prijoritajiet tal-Ministeru tax-Xogħol, biex titnaqqas il-migrazzjoni irregolari, u din għandha tiġi appoġġjata. L-UE se tkompli timpenja ruħha mal-awtoritajiet Libjani biex tindirizza prattiki bħalma huma d-detenzjoni bla distinzjoni tal-migranti, it-trattament ħażin tal-migranti ġewwa u barra ċ-ċentri ta' detenzjoni, u biex ittejjeb il-kundizzjonijiet f'dawn iċ-ċentri. L-UE se tpoġġi attenzjoni partikolari fuq il-ħtieġa li l-Libja tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, tadotta leġiżlazzjoni dwar l-ażil, u tirregolarizza l-pożizzjoni tal-UNHCR fil-pajjiż[5]. L-istabbiliment ta' netwerk ta'

[5] Il-Kummissjoni qed tikkunsidra deċizjoni finanzjarja biex timplementa programm ta' EUR 10 miljun taħt l-ENPI (Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija) li se jiffoka fuq it-titjib tal-istruttura istituzzjonali u legali u fuq il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet responsabbli għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-ażil, f'konformità mal-istandards internazzjonli u l-aħjar prattiki biex ikun garantit li l-migranti jiġu ttrattati bir-rispett sħiħ lejn id-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem u f'konformità mal-istandards internazzjonali li jiggarantixxu

uffiċjali ta' kollegament biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari fil-Libja għandu jiġi implimentat hekk kif is-sitwazzjoni tas-sigurtà tippermetti. Il-Kummissjoni hija impenjata li tniedi Djalogu dwar il-Migrazzjoni, il-Mobilità u s-Sigurtà, skont il-GAMM, mal-awtoritajiet Libjani hekk kif il-kundizzjonijiet jippermettu. Dawn l-azzjonijiet huma kkumplementati minn proġetti u programmi oħra tal-UE fis-settur tas-sigurtà.

1.4 It-Territorju Tork jirrappreżenta punt importanti ieħor ta' tranżitu tal-flussi migratorji irregolari diretti lejn l-UE kemm mir-reġjun Thracjan kif ukoll mill-baħar Mediterran. Filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-isforzi u l-kapaċitajiet sinifikanti eżistenti Torok biex jiġi evitat dan il-fenomenu, huwa importanti ħafna li jitkomplew id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Torok, fid-dawl ta' iktar tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom biex iżarmaw in-netwerks tal-kuntrabandisti li jorganizzaw dan it-tluq irregolari, sabiex dan tal-aħħar jiġi evitat permezz ta' iktar sorveljanza tal-fruntieri tagħhom, biex tiġi skambjata informazzjoni mal-Istati Membri interessati tal-UE minnufih u tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' riammissjoni. L-istabbiliment ta' netwerk ta' uffiċjali ta' kollegament fit-Turkija, simili għan-netwerk previst fil-Libja se jkun importanti f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, se tkun ta' importanza ewlenija għall-UE, li tkompli tgħin lit-Turkija tiżviluppa s-sistemi ta' ġestjoni tagħha fir-rigward tal-fruntieri, tal-viża, tal-migrazzjoni u tal-ażil, f'konformità mal-istandards tal-UE li t-Turkija ssegwi bħala pajjiż kandidat.

1.5. L-azzjoni ma' pajjiżi ta' tranżitu jkollha tiġi kkumplimentata b'aktar attenzjoni lejn il-pajjiżi ta' oriġini fl-Afrika tal-Lvant u tal-Punent permezz ta' djalogu politiku u kooperazzjoni msaħħa. Djalogi speċifiċi dwar il-migrazzjoni, proċeduri u impenji msaħħa kemm f'livell nazzjonali kif ukoll ma' sħab reġjonali, bl-implikazzjoni tar-Rappreżentanti Speċjali rispettivi tal-UE, jistgħu jkollhom rwol importanti u pożittiv. Il-kooperazzjoni, b'mod parallel, se tkompli tikkontribwixxi biex ittejjeb l-ambjent soċjoekonomiku u l-opportunitajiet tal-impjiegi relatati għaċ-ċittadini li altrimenti jistgħu jiġu sfurzati lejn il-migrazzjoni irregolari. Is-sostenn għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali għandu jittratta b'mod aktar effettiv it-traffikar u jikkontribwixxi għall-ipproċessar tat-traffikanti u l-assistenza tal-vittmi. L-UE għandha timmira li trawwem ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti kollha fil-pajjiżi u reġjuni sħab b'enfasi partikolari fuq gruppi vulnerabbli u drittijiet speċjali ta' dawk li qed ifittxu l-ażil u r-rifuġjati, bl-użu ta' għodod disponibbli u fondi inklużi strumenti speċifiċi tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE għandha tfittex li tipprevjeni u tindirizza sitwazzjonijiet ta' rifuġjati li jieħdu fit-tul u ssaħħaħ il-protezzjoni tar-rifuġjati u s-sigurtà fil-kampijiet tar-rifuġjati (eż. permezz tal-Istrument għall-Istabilità tal-UE). F'dan il-kuntest, għandu jingħata appoġġ ukoll għal programmi innovattivi.

- **Approċċi reġjonali**

---

protezzjoni internazzjonali. Se jitpoġġa enfasi partikolari tal-programm ukoll fuq it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' ħajja għall-migranti fil-faċilitajiet ta' detenzjoni. Se tagħmel dan billi tirrevedi l-proċeduri amministrattivi, ittejjeb is-servizzi provduti lill-migranti u tiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-impjiegi.

1.6 Għandhom jiġu żviluppati informazzjoni u kampanji ta’ sensibilizzazzjoni, l-iktar bħala parti minn azzjonijiet usa’ tal-UE dwar il-migrazzjoni, bl-intenzjoni li jikkomunikaw b’mod ċar u li jqanqlu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u l-perikli serji li jiltaqgħu magħhom il-migranti li jippruvaw jilħqu l-UE permezz ta’ kanali irregolari, inklużi il-perikli tal-qsim tal-ibħra irregolari u t-theddid minn kuntrabandisti u traffikanti.

Għandhom jitfittxew approċċi innovattivi sabiex jilħqu l-ikbar numru ta’ migranti potenzjali possibbli fil-pajjiżi ta’ oriġini, kif ukoll fil-pajjiżi ta’ tranżitu, b’enfasi partikolari fuq il-pajjiżi Afrikani kif ukoll il-pajjiżi rilevanti fil-Lvant Nofsani u fl-Asja, filwaqt li jibnu fuq inizjattivi preċedenti tal-UE u tal-Istati Membri.

Il-kampanji għandhom ukoll jinfurmaw dwar kanali għall-migrazzjoni legali disponibbli. Il-kampanji ta’ informazzjoni għandhom iserrħu wkoll fuq in-netwerks ta' dijaspora u għandhom, prinċipalment, jiġu żviluppati fi sħubija mal-awtoritajiet ta’ Pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-NGOs.

F’dan il-qafas il-potenzjal tal-Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni se jiġi utilizzat, flimkien ma’ metodi oħra għat-tixrid ta’ dawn il-messaġġi.

1.7 Is-Seahorse Mediterranean netwerk bejn l-Istati Membri Mediterranji tal-UE u l-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq se jkun stabbilit sal-2015, wara offerta pubblika li għandha toħroġ fl-2014. Dan in-netwerk se jippermetti lill-istati parteċipanti jiskambjaw direttament informazzjoni fattwali dwar inċidenti u l-għassa ma’ xulxin f’ħin kważi reali permezz ta’ komunikazzjoni bis-satellita. L-isforzi kontinwi għandhom jissaħħu biex jikkonvinċu lill-pajjiżi rilevanti l-oħra kollha fl-Afrika ta’ Fuq (jiġifieri t-Tuneżija, l-Alġerija u l-Eġittu) biex jipparteċipaw f’dan in-netwerk[6].

1.8 Il-possibbiltà tal-involviment tal-pajjiżi tat-tluq fl-operazzjonijiet ta' sorveljanza marittima għandha tiġi diskussa, fil-qafas legali tal-Frontex u l-EUROSUR. Din l-azzjoni għandha tkun ikkumplementata mid-djalogi u l-assistenza mmirati lejn l-inkoraġġiment u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi terzi biex: (1) jikkumbattu, fil-punt tal-oriġini, in-netwerks ta' kuntrabandu tal-bnedmin, u għalhekk jipprevjenu lill-immigranti milli jiġu pperikolati mill-kuntrabandisti; (2) jtejbu l-kontroll tal-fruntiera tal-artijiet u l-linja tal-kosta tagħhom; (3) jistabbilixu mekkaniżmi li jippermettu r-ritorn sigur tal-migranti irregolari lejn il-punt tat-tluq l-aktar qrib u sigur.

Kull fejn possibbli u xieraq[7], l-esperjenzi operattivi miksuba minn xi Stati Membri fir-rigward ta' viġilanza konġunta fl-ibħra territorjali ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu ripetuti. Barra minn hekk, ir-rwol ta’ Frontex, fil-limiti tal-mandat tagħha, fis-sostenn għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija hawn fuq, b’mod partikolari fuq il-bini tal-

[6] Barra minn hekk, il-Kooperazzjoni tal-Gwardja Kostali għaddejja bħalissa tista’ tippreżenta opportunitajiet rilevanti biex jitrawwem id-djalogu bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Afrika ta’ Fuq

[7] Kull azzjoni f’dan il-qasam għandha tikkonforma mad-drittijiet fundamentali, fosthom il-prinċipju tan-non-refoulment.

kapaċità, se jkun importanti. F'dan ir-rigward għandhom jiġu stabbiliti sinerġiji ma' għodod oħra ta' bini tal-kapaċità użati mill-UE fir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq.

1.9 Ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet eżistenti tagħhom, il-possibbiltà li tingħata assistenza fil-bini tal-kapaċità għat-tfittxija u s-salvataġġ fl-istati kostali tal-Afrika ta' Fuq għandha tiġi kkunsidrata.

1.10 L-iskambju ta' dejta b'mod strateġiku u tattiku bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Istati Afrikani għandu jittejjeb. F'dan il-kuntest il-kisbiet tan-netwerk tal-Komunità ta' Intelliġenza Afrika-Frontex ikunu eżempju. Ir-rapporti komuni dwar l-analiżi tar-riskju għandhom isiru perjodikament.

1.11 Id-djalogu politiku u l-inizjattivi diplomatiċi, inklużi *l-inizjattivi konġunti*[8], għandhom jiġu żviluppati bl-użu kkoordinat tal-inċentivi u l-ingranaġġi kollha disponibbli fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tilħaq b'suċċess l-għanijiet tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, inklużi n-negozjati u l-implementazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid, it-titjib tas-sistemi ta' protezzjoni internazzjonali u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu u n-netwerks kriminali. Dawn l-inizjattivi għandhom jibdew ma' pajjiżi ewlenin ta' tranżitu u ta' oriġini ta' migrazzjoni irregolari fl-Afrika u fl-Ażja. F'dan il-kuntest għandhom jiġu esplorati mogħdijiet li jqisu l-kooperazzjoni dwar dawn is-suġġetti bħala parti minn approċċ usa' bbażat fuq l-inċentivi[9]. Ir-riżultati ta' dawn l-isforzi għandhom ikunu akkumpanjati minn tħaffif korrispondenti tal-operazzjonijiet ikkoordinati ta' Frontex biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' ritorn.

F'dan il-qafas, ukoll, għandhom jiġu żviluppati miżuri mal-pajjiżi terzi rilevanti li jippermettu l-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni mill-ġdid b'mod aktar effiċjenti ta' persuni li jirritornaw. F'dan l-isforz, għandha tingħata attenzjoni msaħħa lill-pajjiżi prinċipali tal-oriġini ta' migrazzjoni irregolari. Żieda fl-aċċettazzjoni ta' *laissez-passer* tal-UE (dokument tal-vjaġġ standard għall-skopijiet ta' tkeċċija) tista' tikkontribwixxi għal dan l-isforz.

1.12 Għandu jkun previst dibattitu komprensiv u speċifiku dwar il-migrazzjoni (li jkopri, fost l-oħrajn, ir-ritorn volontarju, ir-riammissjoni, ir-riintegrazzjoni, l-akkoljenza, il-protezzjoni internazzjonali, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu u n-netwerks kriminali, il-bini tal-kapaċità, id-drittijiet umani tal-migranti kif ukoll l-għeruq tal-kawżi għall-migrazzjoni irregolari) fid-dawl tas-Summit UE-Afrika f'April 2014 u r-raba' Konferenza Ministerjali

[8] Bl-għan li tiżdied il-koerenza fl-azzjonijiet esterni bejn il-livell tal-UE u dak nazzjonali, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi tal-oriġini ta' migranti mhux irkuprabbli għandhom, fejn xieraq, flimkien ma' ambaxxaturi ta' Stati Membri oħra tal-UE, iħejju inizjattivi konġunti mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli. Dawn l-inizjattivi, għandhom jitħejjew f'kordinazzjoni mas-SEAE u l-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati.

[9] Ara pereżempju l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' riammissjoni tal-pajjiżi tal-AKP taħt il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ("il-Ftehim ta' Cotonou").

Ewro-Afrikana dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp ippjanata għat-tieni nofs tal-2014 (il-Proċess Rabat).

Il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi għall-Migrazzjoni tal-Euromed u l-Pulizija Euromed li għandha titnieda mill-2014 għandha tikkunsidra kif xieraq il-valutazzjonijiet biex dawn isiru pjattaforma akar effettiva tad-djalogu u l-kooperazzjoni. Barra minn hekk, id-djalogi reġjonali bilaterali u rilevanti ma' pajjiżi fl-Afrika Sub-Saħarjana għandhom jissaħħu. F'dan il-kuntest il-pajjiżi sħab għandhom ikunu mħeġġa biex jadottaw u jimplimentaw miżuri nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, kontra l-kuntrabandisti, anki bis-sostenn tal-esperti mobilizzati mill-Istati Membri u skont l-aħjar prattiki żviluppati mill-UNODC fejn xieraq.

1.13 Jista' jiġi ppjanat programm dedikat, li jieħu vantaġġ mill-inizjattivi eżistenti tal-UE f'dan il-qasam bħall-programm WAPIS iffinanzjat mill-UE (Sistema ta' Informazzjoni tal-Pulizija tal-Afrika tal-Punent implimentata mill-INTERPOL) biex jappoġġja l-istabbiliment tal-kooperazzjoni tal-pulizija flimkien ma' AFRIPOL biex jgħinu fil-koordinazzjoni ta' informazzjoni tal-pulizija nazzjonali u l-kapaċitajiet tal-investigazzjoni fl-Afrika, fost l-oħrajn, fil-ġlieda kontra t-traffikar u l-kuntrabandu tal-bnedmin. Is-sostenn mill-INTERPOL, mill-UNODC u minn organizzazzjonijiet rilevanti oħra jista' jkun strumentali f'dan ir-rigward. Programm bħal dan għandu jiżgura sinerġiji mal-Programm tal-Fruntieri tal-Unjoni Afrikana.

1.14 Ir-ritorn imħaffef u effettiv ta' migranti irregolari jeħtieġ li jkun assigurat, b'mod uman u dinjituż f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, mal-*acquis* rilevanti tal-UE u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, permezz tal-promozzjoni meta possibbli, tar-ritorni volontarji. F'ċerti kundizzjonijiet u bħala strument kumplimentari, għandha tkun disponibbli aktar assistenza finanzjarja u teknika biex tappoġġja ir-riintegrazzjoni soċjali u ekonomika ta' dawk li jiġu lura kif ukoll tiżgura sistema effettiva għal ritorn mhux volontarju f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali. Meta tingħata l-assistenza finanzjarja u teknika, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ma jinħolqux strutturi paralleli ma' dawk tal-pajjiż terz ikkonċernat, u biex jiġi evitat li jinħolqu fatturi ta' attrazzjoni. Il-prijorità, meta possibbli, għandha tingħata għal ritorni lejn pajjiżi tal-oriġini aktar milli għal pajjiżi ta' tranżitu.

1.15 Se jiġu żviluppati kooperazzjoni/skambju ta' informazzjoni u sinerġiji bejn l-Istati Membri, bil-kontribuzzjoni tal-aġenziji ĠAI tal-UE, ta' partijiet interessati oħra (l-IOM, l-NGOs) dwar il-kontenut ta' programmi ta' Ritorn Volontarju Assistit, inklużi miżuri ta' riintegrazzjoni u inizjattivi meħuda minn kull Stat Membru lejn il-pajjiż ta' oriġini jew ta' transitu biex ikun żgurat ritorn sostenibbli ta' migranti irregolari. Mill-2014, din il-kooperazzjoni se tiġi żviluppata fil-kuntest tal-EMN.

(2) Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali, ir-Risistemazzjoni u modi legali msaħħa għall-aċċess lejn l-Ewropa

Ir-risistemazzjoni hija mezz importanti li permezz tagħha persuni li jkollhom bżonn tal-protezzjoni jistgħu jaslu b'mod sikur fl-Unjoni Ewropea mingħajr ma jgħaddu minn vjaġġi perikolużi fil-Mediterran. L-użu ta' dan l-istrument għandu għalhekk jiġi mħeġġeġ flimkien ma' azzjonijiet li jtejbu l-aċċess għall-awtosuffiċjenza għar-rifuġjati f'pajjiżi terzi li huma prekursuri ewlenin għal soluzzjoni dejjiema.

Aktar opportunitajiet ta' mobilità legali għall-istudju u x-xogħol għandhom jiġu kkunsidrati wkoll inkluż billi joffru toroq alternattivi ta' dħul għal persuni li potenzjalment qed fittxu l-ażil.

2.1 Biex titjieb is-sitwazzjoni tar-rifuġjati fil-livell lokali jeħtieġ li jiġu stabbiliti u msaħħa Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali (RPPs). Il-RPPs eżistenti bħal dawk fl-Afrika ta' Fuq (il-Libja, it-Tuneżija u l-Eġittu) u l-Qarn tal-Afrika (il-Kenja, il-Ġibuti) għandhom jiġu msaħħa u estiżi biex jinkludu wkoll pajjiżi ewlenin oħra b'mod partikolari fir-reġjun tas-Saħel. Barra minn hekk, l-UE bħalissa qed tħejji Programm Reġjonali ġdid għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni (RDPPs) għar-rifuġjati fil-Libanu, fil-Ġordan u fl-Iraq bħala parti minn reazzjoni fit-tul għall-kriżi fis-Sirja.

Il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali ġodda se jeħtieġu impenn f'aktar tul kif ukoll finanzjament, kemm mill-UE kif ukoll mil-livell nazzjonali, biex dawn ikunu ta' suċċess. Il-finanzjament jista' jinkiseb biss parzjalment mir-riżorsi eżistenti u mill-istrumenti finanzjarji tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil. Dan jeħtieġ li jiġi kkumplementat minn sorsi oħra ta' finanzjament mill-assistenza għall-iżvilupp tal-UE u mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' RPPs/RDPPs għandha tkun akkumpanjata minn djalogu politiku qawwi u minn sforzi konsultattivi dwar il-protezzjoni ta' rifuġjati u s-sitwazzjonijiet tar-rifuġjati li jieħdu fit-tul, mal-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi terzi, inkluż f'livell reġjonali.

Il-RPPs għandhom jikkoordinaw il-komponenti speċifiċi reġjonali u tal-pajjiż, u l-Istati Membri tal-UE, u d-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jaqdu rwol kruċjali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tagħhom. L-UNHCR flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra se jkun attur ewlieni f'dan il-qasam filwaqt li, fejn xieraq, l-NGOs għandhom jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tagħhom. Fejn rilevanti, il-kooperazzjoni bejn l-EASO u l-pajjiżi mmirati se tiġi promossa waqt li tiffoka b'mod partikolari fuq l-oqsma tat-taħriġ u l-bini tal-kapaċità.

F'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. l-IOM) u l-NGOs, għandhom jitnedew inizjattivi paralleli li jiffaċilitaw ir-ritorn volontarju assistit u r-riintegrazzjoni tal-migranti maqbuda fil-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq lejn il-pajjiżi tal-oriġini

tagħhom u inizjattivi li jiżviluppaw il-kapaċità tal-pajjiżi biex jiġġestixxu aħjar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni[10].

2.2 L-Istati Membri huma mħeġġa biex iżidu l-impenn attwali tagħhom dwar ir-risistemazzjoni bħala soluzzjoni fit-tul li tikkontribwixxi lejn il-prevenzjoni u l-indirizzar tas-sitwazzjonijiet tar-rifuġjati li jieħdu fit-tul. Fl-2012, 4 930 persuna ġew risistemati fl-Unjoni minn tnax-il Stat Membru[11]. Filwaqt li dawk li diġà qed jirrisistemaw għandhom jikkunsidraw li jżidu l-kwoti tagħhom, l-Istati Membri ġodda li bdew jirrisistemaw għandhom jimpenjaw ruħhom biex iżidu s-sehem tal-UE fl-impenn tar-risistemazzjoni madwar id-dinja. F'dan il-kuntest l-użu strateġiku tar-risistemazzjoni permezz tal-Programm ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni huwa mħeġġeġ u se jkun appoġġjat minn fondi tal-UE disponibbli taħt il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni.

2.3 Il-Kummissjoni hija lesta li torganizza, b'kooperazzjoni mal-UNHCR, konferenza dwar ir-risistemazzjoni tar-rifuġjati l-iżjed vulnerabbli mis-Sirja. IL-konferenza tkun tista' ssir fl-ewwel nofs tal-2014 biex tinkoraġġixxi l-isforzi ta' risistemazzjoni kemm qalb l-Istati Membri tal-UE kif ukoll f'pajjiżi madwar id-dinja.

2.4 Il-Kummissjoni se tesplora aktar possibbiltajiet ta' dħul protett fl-UE fil-kuntest tar-riflessjoni dwar il-prijoritajiet futuri fil-qasam tal-Affarijiet Interni wara l-iskadenza tal-Programm ta' Stokkolma. Dawn il-possibbiltajiet jistgħu jinkludu notevolment: (a) linji gwida dwar approċċ komuni għal permessi/viżi umanitarji (b) studju ta' fattibbiltà dwar l-ipproċessar konġunt possibli ta' talbiet għall-protezzjoni barra l-Unjoni Ewropea mingħajr ħsara għad-dritt eżistenti ta' aċċess għal proċeduri tal-ażil fl-UE. L-EASO, l-FRA u l-Frontex u, fejn rilevanti, l-UNHCR, l-ILO jew l-IOM, għandhom ikunu involuti fit-twettiq ta' dawn il-kompiti.

2.5 L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jesploraw aktar possibiltajiet biex jiftħu mezzi legali li jagħtu opportunità għall-migranti li jaslu l-Ewropa b'mod regolari. Mezzi bħal dawn se jgħinu wkoll fil-ġlieda kontra l-abbużi u l-migrazzjoni irregolari. Pereżempju d-Direttiva tal-ħaddiema staġonali, ladarba tiġi implimentata, se tiċċara l-ammissjoni, tagħti status legali sikur biex jipproteġi l-ħaddiema staġjonali mill-isfruttament, u tipprovdi l-ewwel skema tal-UE dwar il-migrazzjoni ċirkolari li tippermetti lill-migranti li jiġu lura fis-snin ta' wara taħt ċerti kundizzjonijiet. Id-Direttiva ta' nnegozjar għaddejja bħalissa dwar l-istudenti, ir-riċerkaturi u gruppi oħra tista' tkun ta' kontribut importanti b'regoli ċari tad-dħul u status.

[10] Ċentri ta' Riżorsi u ta' Reazzjoni għall-Migrazzjoni stabbiliti mill-OIM f'ħafna pajjiżi tul ir-rotot tal-migrazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati għar-replikazzjoni fir-Rotot Ċentrali u tal-Lvant tal-Mediterran.

[11] Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit (Sors:EUROSTAT)

(3) Il-ġlieda kontra t-traffikar, il-kuntrabandu u l-kriminalità organizzata [12]

Netwerks ta' kriminalità organizzata internazzjonali jisfruttaw ix-xewqa tal-migranti li jiksbu ħajja aħjar. Għal din ir-raġuni, l-UE se tieħu passi deċiżivi ġodda fil-ġlieda kontra n-netwerks tal-kriminalità organizzata inklużi n-netwerks tal-kuntrabandisti, billi tibni inizjattivi ġodda f'kooperazzjoni kemm mal-Istati Membri kif ukoll mal-pajjiżi terzi, ma' Frontex, mal-Europol, mal-EASO, u mal-Interpol.

Dawn l-attivitajiet l-ewwel u qabel kollox se jiffukaw fuq l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-prijoritajiet adottati dan l-aħħar mill-Kunsill tal-ĠAI fiċ-ċiklu ta' politika tal-UE dwar kriminalità serja u organizzata internazzjonali: l-immigrazzjoni irregolari, inkluż il-kuntrabandu, u t-traffikar tal-bnedmin ("THB"). Abbażi ta' dan, l-UE se tappoġġa iktar programmi ta' bini tal-kapaċità biex jindirizzaw il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin fl-Afrika ta' Fuq, il-pajjiżi ewlenin ta' oriġini u l-pajjiżi tal-ewwel ażil. It-taħriġ fil-pajjiżi terzi għandu jappoġġja l-kooperazzjoni multidixxiplinarja, inkluż l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura.

Ir-riflessjonijiet li għaddejja dwar l-użu ta' strumenti tal-PSDK sabiex jappoġġaw il-ġlieda kontra organizzazzjonijiet kriminali f'pajjiżi terzi se jitqiesu wkoll.

Azzjonijiet

3.1 <u>Il-EUROPOL għandha ssaħħaħ l-attivitajiet kurrenti</u> u tikkoordina l-aġenziji rilevanti tal-UE fil-qasam ta' kuntrabandu tal-bnedmin u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata[13]. Dan jista' jinkludi l-istabbiliment ta' tim taħt il-qafas amministrattiv u l-qafas legali tar-Reġistru ta' Ħidma ta' Analiżi eżistenti dwar il-Kriminalità Organizzata

[12] Filwaqt li l-kuntrabandu ta' bnedmin (eż. il-faċilità għad-dħul mhux awtorizzat, it-tranżitu jew ir-residenza) u t-traffikar ta' bnedmin huma interrelatati, dawn m'għandhomx jiġu mfixkla wieħed mal-ieħor. B'mod partikolari, it-traffikar jinvolvi l-użu ta' mezzi msemmija fid-definizzjoni ta' traffikar ("permezz ta' theddid jew użu ta' forza jew forom oħra ta' sfurzar, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, ta' abbuż ta' poter jew pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew ir-riċeviment ta' pagamenti jew benefiċċji sabiex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra") għall-għan ta' sfruttar tal-persuna, u ma jeħtieġx il-qsim ta' fruntiera jew trasport fiżiku, bħal fil-każ ta' kuntrabandu.

[13] Il-mandat tal-Europol huwa msaħħaħ f'dan il-qasam f'konformità mar-reviżjoni li għaddejja bħalissa tar-Regolament tal-EUROPOL.

Serja (AWF SOC), u b'mod partikolari Punt Fokali (FP) ta' Kontroll, li jittratta l-kuntrabandu fl-Europol.

3.2 Żewġ pjanijiet ta' azzjoni operattivi EMPACT dwar il-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin fil-qafas taċ-ċiklu politiku, inkluż il-kuntrabandu, bl-involviment tal-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE, se jiġu deċiżi f'Diċembru 2013 u mnedija f'Jannar 2014.

3.3 Għandu jiġi żviluppat pjan komprensiv tal-UE bl-involviment tal-partijiet kollha interessati dwar il-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti li jinkorpora dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali. L-istrateġija se tinkludi kooperazzjoni prattika msaħħa u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' aġenziji tal-UE u kooperazzjoni esterna approfondita ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti (eż. UNODC).[14] F'dan il-kuntest, l-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Immigrazzjoni preżenti fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu se jkollhom rwol importanti.

F'dan il-kuntest Linji Gwida dwar aspetti differenti relatati mal-ġlieda kontra l-kuntrabandu jistgħu jiġu żviluppati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali filwaqt li jitqies ix-xogħol tan-NU f'dan il-qasam.

Kooperazzjoni operattiva li diġà teżisti bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi bħall-uffiċjali ta' kollegament u operazzjonijiet konġunti għandhom jintużaw b'mod aktar effettiv fil-qafas ta' COSI[15].

3.5 L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli tal-Istati Membri affettwati huma mħeġġa biex sistematikament jagħmlu disponibbli l-informazzjoni rilevanti, inkluża d-dejta personali, għall-Europol għall-finijiet ta' sostenn fil-ġlieda kontra l-faċilitaturi. Il-Frontex u l-Europol għandhom jikkonkludu mingħajr dewmien ftehim operattiv li jippermetti l-iskambju ta' dejta personali, għall-iskop ta' sostenn fil-ġlieda kontra attivitajiet kriminali transkonfinali[16].

3.6 Fil-qafas ta' koordinazzjoni bejn l-aġenziji tal-EUROPOL, l-EASO għandu jibda proġett pilota ma' Stat Membru biex isir jaf aktar dwar il-kuntrabandu u r-rotot tat-traffikar.

---

[14] L-informazzjoni miġbura f'dan il-kuntest tista' tintuża wkoll biex tindividwa aħjar u tipprevjeni l-ivjaġġar ta' ġellieda barranin milli jew jeżerċitaw fil-Jihad barra mill-pajjiż (b'mod partikolari s-Sirja) jew milli jirritornaw.

[15] Dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu jeħtieġu l-koordinazzjoni, jekk xieraq, mar-riflessjonijiet li għaddejjin bħalissa fuq it-twassil ta' elementi konkreti għal Komunikazzjoni dwar Strateġija tas-Sigurtà Marittima Ewropea minn kmieni fl-2014.

[16] Meta huwa permess mir-Regolament EUROSUR għandha tkun disponibbli dejta oħra għajr dejta personali mill-Europol lill-EUROSUR.

3.7 L-UE għandha politikament tappoġġja l-organizzazzjoni tal-konferenza reġjonali taħt l-awspiċi tal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika dwar it-traffikar u l-kuntrabandu fl-2014.

3.8 Il-Kummissjoni se twettaq l-evalwazzjoni u l-modifika possibbli tal-*acquis* tal-UE dwar l-iffaċilitar ta' dħul, transitu u residenza mhux awtorizzati, permezz tar-rikonċiljazzjoni tal-ġlieda effettiva kontra l-kuntrabandu mal-ħtieġa li tiġi evitata l-kriminalizzazzjoni tal-assistenza umanitarja. L-obbligu internazzjonali dwar is-salvataġġ ta' migranti f'diffikultà fuq il-baħar għandu jitfakkar.[17]

(4) Sorveljanza tal-fruntieri msaħħa li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istampa tas-sitwazzjoni marittima u għall-protezzjoni u s-salvataġġ ta' ħajjet il-migranti fil-Mediterran

Matul is-snin, il-Mediterran ra għadd ta' traġedji, li fihom bosta eluf ta' persuni tilfu ħajjithom filwaqt li kienu qed jippruvaw jaslu sax-xtut Ewropej. L-isforzi magħmula mill-Istati Membri fir-reġjun, xi drabi anki bis-sostenn tal-Frontex, huma ta' min ifaħħarhom u wasslu għas-salvataġġ ta' eluf ta' bnedmin. Madankollu, huma meħtieġa aktar sostenn u assistenza lil dawn l-Istati Membri. Ir-rwol ta' Frontex fil-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri tal-Mediterran huwa kruċjali biex jiġi żgurat kontroll effettiv fuq il-fruntieri fir-reġjun, filwaqt li tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-protezzjoni ta' dawk fil-bżonn u s-salvataġġ ta' ħajjet il-migranti. Il-Kunsill Ewropew sejjaħ għat-tisħiħ tal-operazzjonijiet ta' Frontex. Dan jista' jiġi sostnut minn qsim ta' informazzjoni mtejjeb dwar l-istampa tas-sitwazzjoni fil-Mediterran permezz tal-opportunitajiet offruti mill-EUROSUR.

Azzjonijiet

4.1 Il-Frontex, flimkien mal-Istati Membri rilevanti, saħħet il-kapaċitajiet tagħha fil-kontroll tal-fruntieri marittimi tal-Mediterran, li huma l-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea. Pereżempju, din infurzat l-Operazzjoni Konġunta Hermes mill-bidu ta' Novembru, filwaqt li qieset b'mod xieraq il-bidliet possibbli fil-movimenti migratorji minħabba aspetti staġjonali. Dan inkiseb permezz tal-finanzjament addizzjonali pprovdut fil-kuntest tal-operazzjoni Lampedusa (somma addizzjonali ta' EUR 7,9 miljun għall-baġit ta' Frontex).

Waqt li jibdni fuq dan, l-għan huwa li jkun hemm approċċ koordinat u komprensiv għall-operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri mmexxija mill-Frontex fil-Mediterran (minn Ċipru sa Spanja), waqt li l-punt fokali jkun fuq ir-rotat migratorji prinċipali, mir-rebbiegħa tal-2014 'l quddiem fuq il-bażi ta' approċċ li jinvolvi diversi partijiet

[17] F'dan il-kuntest għandu jiġi ċċarat mill-bidu li l-kaptani tal-vapuri jibqgħu marbuta li jsegwu l-ordinijiet maħruġa miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni ta' Salvataġġ (RCCs) skont il-liġi internazzjonali.

interessati. It-tisħiħ tal-operazzjonijiet ta' Frontex fl-2014 għandu jiġi vvalutat aktar fuq il-bażi tal-kunċett ippreżentat mill-Frontex lit-Task Force[18].

L-isforzi ta' sorveljanza fuq il-fruntiera nazzjonali għandhom ikunu kkoordinati bis-sħiħ mal-operazzjonijiet li jsiru mill-Frontex u flimkien għandhom jikkostitwixxu Netwerk Ewropew tal-Pattulji. L-informazzjoni dwar dawn l-isforzi nazzjonali — irrispettivament mill-awtorità li qed tmexxihom, għandha tiġi mqassma permezz tan-netwerk EUROSUR, permezz taċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni.

Dan jista' jinkludi wkoll tisħiħ tal-operazzjonijiet tal-Istati Membri li jsegwu l-eżempju tal-inizjattiva Taljana Mare Nostrum. Dawn l-inizjattivi għandhom ikunu kumplimentari u għandhom ikunu kkoordinati ma' operazzjonijiet tal-Frontex[19].

It-tisħiħ tas-sorveljanza tal-fruntieri koordinata minn Frontex mill-assi militari navali u tal-ajru tal-Istati Membri, meta possibbli skont il-liġi nazzjonali u ma' dawk l-assi li jaġixxu f'kapaċità tal-infurzar tal-liġi ċivili, jistgħu wkoll itejbu is-sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kapaċità għal sejbien kmieni ta' migranti irregolari fuq il-baħar, biex b'hekk tinħoloq prevenzjoni aktar effettiva ta' telf ta' ħajja. Għalhekk tali rinfurzar għandu jiġi mħeġġeġ fil-qafas legali ġenerali ta' Frontex u tar-Regolamenti tal-EUROSUR li jkunu japplikaw għal assi militari parteċipanti.

Kif imsemmi fil-paragrafu 1.8, il-Frontex għandha tagħmel l-aħjar li tista' biex tiżviluppa l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi Mediterranji safejn possibbli.

4.2 Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna biex iħaffu n-negozjati tagħhom dwar il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-koperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Frontex, bl-għan li jsir l-ewwel trijalogu qabel tmiem is-sena.

4.3 Ir-rwol tal-EASO fil-qasam tal-identifikazzjoni u l-iskrining ta' dawk li jfittxu l-ażil fi flussi mħallta għandhom jissaħħu fi sħubija ma' Frontex u b'konformità sħiħa tal-mandati rispettivi tal-Aġenziji.

4.4 Is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) bdiet taħdem mit-2 ta' Diċembru 2013 u l-implimentazzjoni u l-użu sħiħ tagħha mill-Istati Membri u Frontex se jiġu mmonitorjati mill-qrib. L-iskambju ta' informazzjoni u l-qsim tal-intelliġenza regolari u l-kooperazzjoni mill-qrib kwazi f'ħin reali, bejn l-aġenziji fuq livell nazzjonali u tal-UE huma l-elementi ewlenin hawnhekk. L-użu ta' teknoloġiji

[18] L-Istati Membri ospitanti huma mistiedna jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jeżentaw l-Istati Membri parteċipanti milli jħallsu l-VAT matul operazzjonijiet konġunti sa fejn ikun possibbli.

[19] Operazzjonijiet mhux koperti bir-Regolament tal-Frontex għad iridu jitwettqu f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u partikolarment mal-prinċipju ta' *non-refoulement.*

moderni ta' sorveljanza għandu wkoll rwol essenzjali, bħalma hi l-fużjoni tad-dejta li ġejja mis-sistemi ta' rappurtar tal-vapuri u ta' ritratti bis-satellita.

4.5 Fuq din il-bażi, matul l-2014, jistgħu jiġu esplorati aktar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u l-iskambju ta' informazzjoni mtejba fil-qafas tal-EUROSUR biex itejbu l-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali u Ewropea[20]. F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament EUROSUR dan għandu jinkludi wkoll l-assistenza ta' bastimenti navali tal-Istati Membri li huma fi kwalunkwe każ preżenti f'dik iż-żona[21]. Għandhom jiġu intensifikati l-isforzi kontinwi biex tittejjeb is-sorveljanza ta' punti ta' tluq magħrufa għall-migrazzjoni irregolari fil-Mediterran kollu, inklużi l-attivitajiet fil-portijiet u fuq il-kosti li jservu ta' ċentri għall-immigranti irregolari. Is-sejbien u t-traċċar ta' dgħajjes żgħar se jiġu segwiti fil-qafas tal-EUROSUR b'appoġġ finanzjarju mill-programm futur Copernicus kif ukoll permezz ta' testijiet għaddejjin taħt proġetti ta' riċerka tal-FP 7, bħalma huma Perseus, Closeye, Lobos u Sagres u b'sostenn tekniku u pariri miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea[22].

F'dan il-kuntest, l-istampa tas-sitwazzjoni fil-Mediterran għandha tittejjeb billi tintuża aħjar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. Imsejsa fuq il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz bejn Frontex u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)[23] u ċ-Ċentru tas-Satelliti tal-UE[24] għadha tiġi ġġenerata aktar dejta dwar il-pożizzjonamenti ta' bastimenti u l-osservazzjoni tad-dinja għaż-żoni kritiċi. Din flimkien ma' dejta oħra rilevanti għall-operazzjonijiet għandhom jiżdiedu mal-istampi sitwazzjonali differenti tal-EUROSUR, inkluż minn riżorsi navali. Fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji (Frontex, Europol, EMSA) informazzjoni bbażata fuq l-intelliġenza għandha tintuża bħala bażi għall-isforzi ta' sorveljanza intensifikata.

4.6 Għandha toħroġ sejħa fil-livell nazzjonali, fejn xieraq permezz ta' avviż għall-baħħara, li tħeġġeġ lill-kaptani tal-vapuri ta' bastimenti merkantili u s-sajjieda biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali (UNCLOS, SOLAS u SAR) billi jassistu u jirrapportaw lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kwalunkwe dgħajjes migranti f'diffikultà. Din is-sejħa għandha tkun akkumpanjata minn

---

[20] Dawn l-isforzi jistgħu jkunu kkomplementati mill-ħidmiet għaddejjin biex jistabbilixxu Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għad-Dominju marittimu tal-UE. L-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE) li attwalment qed jiġi żviluppat b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE/ŻEE huwa previst ukoll bħala t-tielet fażi tal-EUROSUR (COM (2008) 68).

[21] Ir-Regolament EUROSUR jeħtieġ informazzjoni dwar il-pożizzjoni, l-istatus, u t-tip ta' assi militari li qed jgħinu missjoni tal-infurzar tal-liġi u huwa inkluż fl-Istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali għal EUROSUR. Aċċess għal dan it-tip ta' informazzjoni jista' jiġi ristrett fuq bażi ta' tagħrif li jkun meħtieġ.

[22] Fuq terminu itwal, is-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo u s-sistema ta' awmentazzjoni EGNOS (Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja) jistgħu wkoll jikkontribwixxu biex tittejjeb l-istampa tas-sitwazzjoni fil-Mediterran

[23] Iffirmata f'April 2013.

[24] Għandha tiġi ffirmata kmieni fl-2014.

riassigurazzjoni pubblika li dawn dejjem se jitħallew jinżlu malajr u, sakemm dawn ikunu qed jaġixxi bi skop tajjeb, ma jiffaċċjaw l-ebda konsegwenzi legali negattivi talli jipprovdu assistenza bħal din. Sejħa bħal din għandha tiġi appoġġjata politikament fil-livell Ewropew.

(5) Assistenza u solidarjetà mal-Istati Membri li jittrattaw pressjoni għolja ta' migrazzjoni[25]

Ir-responsabbiltà u s-solidarjetà jimxu id f'id. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jinvestu u li jibnu l-kapaċità biex jiżguraw sistemi nazzjonali flessibbli u effikaċi tal-ażil, tal-migrazzjoni u tal-akkoljenza b'konformità mal-*acquis* tal-UE. Dan jinkludi wkoll il-bini tal-kapaċità biex tiġi ġestita pressjoni akbar f'daqqa. Fl-istess ħin, l-assistenza u s-solidarjetà jaqdu rwol importanti fil-kuntest ġenerali biex tittaffa l-pressjoni fuq l-Istati Membri fl-UE kollha. L-avvenimenti barra x-xtut ta' Lampedusa huma fil-fatt biss parti minn problema usa' u l-assistenza għandha timmira l-Istati Membri kollha li huma fuq il-linja ta' quddiem fit-trattament tal-pressjoni migratorja għolja.

Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jittrasponu u jimplementaw l-*acquis* rivedut dwar l-ażil bħala kwistjoni ta' prijorità u jimplementaw l-approċċi stipulati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2012, imsejsa fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Solidarjetà intra-UE. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn għodod ta' sostenn żviluppati mill-EASO għal dan l-għan.

Għalkemm diġà indirizzati taħt ir-raba' linja ta' azzjonijiet, għandu jkun innotat li l-operazzjonijiet konġunti koordinati ta' Frontex wkoll jikkostitwixxu sinjal tanġibbli ta' solidarjetà.

Aktar inizjattivi ta' kooperazzjoni prattika jistgħu jiġu żviluppati biex jappoġġjaw lill-Istati Membri taħt pressjoni biex jiġġestixxu l-flussi migratorji tagħhom u jiżguraw valutazzjoni xierqa u ta' malajr tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Il-finanzjament tal-UE jista' jgħin ukoll f'din id-direzzjoni. F'dan il-qafas, l-ippjanar ta' kontinġenza għandu jissaħħaħ sabiex jipprevjeni kriżi meta possibbli u jimmaniġġja l-emerġenzi meta jiġru.

Azzjonijiet

5.1 Il-Kummissjoni qed twarrab finanzjament (inkluż il-finanzjament ta' emerġenza) sa EUR 30 miljun bħala appoġġ għall-IT, inkluż għas-sorveljanza tal-fruntieri u l-operazzjonijiet taħt il-mandat ta' Frontex. Għal Stati Membri oħra ġew allokati madwar EUR 20 miljun biex jindirizzaw il-pressjoni li qed tikber fil-livell tal-UE u l-kapaċità nazzjonali insuffiċjenti sussegwenti. Dan il-finanzjament se jtejjeb il-kapaċità ta'

[25] Il-programmi nazzjonali tal-Istati Membri għall-QFP 2014-2020, li dalwaqt għandu jitħejja u jitressaq, għandu jirrifletti b'mod ċar prijoritajiet bħal dawn biex il-finanzjament meħtieġ ikun jista' jiġi mmobilizzat ladarba l-mekkaniżmi ta' finanzjament rispettivi jkunu operattivi.

akkoljenza, il-kapaċità tal-ipproċessar, l-iskrining u l-kapaċità ta' reġistrazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet ta’ sostenn għall-ġestjoni tal-fruntieri. Il-finanzjament għandu, fejn xieraq, ikun ikkumplimentat minn attivitajiet operattivi oħra bħal l-assistenza offruta mill-EASO u l-Frontex. L-ippjanar ta' kontinġenza u l-Ġestjoni ta' Kriżi (taħt 5.3) għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward.

Pajjiżi affettwati b’mod partikulari minn influss ta’ immigranti u persuni li qed ifittxu l-ażil jistgħu jitolbu wkoll l-assistenza kif xieraq mill-Mekkaniżmu Ewropew tal-Protezzjoni Ċivili (EUCPM)[26].

5.2 Bl-użu ta’ inċentivi finanzjarji offruti mill-AMF futur, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom volontarjament għal aktar rilokazzjoni intra-UE tal-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali. L-EASO għandu jkollu rwol ta’ koordinazzjoni fir-rilokazzjoni intra-UE li jagħmluh aktar rapidu u aktar effiċjenti. L-Istati Membri b’livell baxx ta’ pressjoni ta' migrazzjoni huma mħeġġa b’mod partikolari biex juru solidarjetà b’dan il-mod. L-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħalma huma l-UNHCR u l-IOM, jistgħu jkollhom rwol importanti f’dan il-qasam.

5.3 L-ippjanar ta’ kontinġenza u l-isforzi tal-ġestjoni tal-kriżi fuq livell tal-UE għandu jkompli u għandu jitwessa’ bl-għan li tittieħed azzjoni biex jinbnew sistemi solidi għall-migrazzjoni u l-ażil fl-Istati Membri. Dawn l-isforzi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni magħmula fuq il-bażi tat-tbassir ta’ analiżi tax-xejriet u rapporti analitiċi u statistiċi *ad hoc* oħra prodotti mill-EASO, mill-Frontex, mill-FRA u minn organizzazzjonijiet oħra bħall-UNCHR, l-IOM u minn atturi oħra u għandhom ikunu kkoordinati ukoll mal-EUCPM. Fl-iżvilupp ta’ dawn l-isforzi ta’ kontinġenza, il-Kummissjoni għandha tinkludi rapporti ta’ valutazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiżi tal-oriġini, waqt li tintegra kemm jista’ jkun possibbli l-komponenti ta’ sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-flussi migratorji.[27]

Sabiex l-ippjanar ta’ kontinġenza effiċjenti jkun possibbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu dejta lill-EUROSTAT, lill-EASO, u lill-Frontex u lil atturi rilevanti oħra mingħajr dewmien, u għandhom ikunu lesti li jappoġġjaw ir-rekwiżiti tad-dejta addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa għal dan l-għan.

5.4 L-EASO għandu jistabbilixxi l-ewwel proġett dwar is-sostenn għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-Istati Membri. Dan ikun jippermetti pproċessar ta' malajr u aktar effiċjenti tal-applikazzjonijiet għall-ażil, li jtaffi l-piż fuq is-sistema tal-ażil tal-Istat

[26] Iċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC) mid-DĠ ECHO jiffaċilita l-kontributi volontarji mhux fi flus jew il-parir speċjalizzat tal-esperti mit-32 Stat Parteċipanti għall-Mekkaniżmu, inklużi l-Istati Membri tal-UE. Minħabba n-natura volontarja tal-EUCPM, dan jista’ jitqies biss bħala soluzzjoni provviżorja għal żmien qasir.

[27] Il-mekkaniżmi li jistgħu jiġu kkunsidrati jistgħu jinkludu l-Qafas Operattiv tal-Kriżi tal-Migrazzjoni (MCOF) u t-Task Force tal-Migrazzjoni dwar ir-Rotta Migratorja tal-Afrika tal-Lvant u l-Afrika ta’ Fuq.

Membru responsabbli mingħajr ma jbiddel ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil u b'rispett sħiħ lejn il-qafas legali nazzjonali applikabbli.